MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 1139/1997/1

Alfred Scicluna
vs
Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tas-17 ta' Frar 2000 gie korrett ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u fil-perjodu intraskritt huwa sofra diversi ingustizzji billi:

a) fuq il-post tax-xoghol saret diskriminazzjoni bejnu u bejn persuni ohrajn rigward l-impjieg tieghu u dwar hatriet u promozzjonijiet mal-Korporazzjoni intimata li ghalihom kien intitolat.

b) gie eskluz minn promozzjoni ghall-grad ta' "Senior Technical Officer" mal-Korporazzjoni intimata, u dan minkejja li huwa kien wiehed mill-applikanti u kandidati,

jekk mhux l-aktar applikant u kandidat idoneju ghal din il-hatra.

c) minkejja li huwa kien kwalifikat kemm fuq livell ta' tahrig tekniku, abilita`, esperjenza kif ukoll fuq livell ta' anzjanita`, huwa gie maqbuz u terzi persuni gew preferuti minfloku minkejja li huwa kellu esperjenza vasta f'diversi oqsma relatati mal-grad ta' Technical Officer u dan a differenza ta' diversi persuni ohrajn li gew mahtura minfloku ghall-grad ta' "Senior Techncial Officer".

2. Illi l-fatti fil-qosor li jesponu l-kaz tar-rikorrent kienu dawk indikati fid-dikjarazzjoni tal-fatti li giet annessa mar-rikors u mmarkata dokument ittra "A".

3. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness u mmarkat dokument ittra "B" li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal illi jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu u dan skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi maqtuh illi:

a) fuq il-post tax-xoghol saret diskriminazzjoni bejnu u bejn persuni ohrajn rigward l-impjieg tieghu u dwar hatriet u promozzjonijiet mal-Korporazzjoni intimata li ghalihom kien intitolat.

b) gie eskluz minn promozzjoni ghall-grad ta' "Senior Technical Officer" mal-Korporazzjoni intimata, u dan minkejja li huwa kien wiehed mill-applikanti u kandidati, jekk mhux l-aktar applikant u kandidat idoneju ghal din il-hatra.

c) minkejja li huwa kien kawlifikat kemm fuq livell ta' tahrig tekniku, abilita`, esperjenza kif ukoll fuq livell ta' anzjanita`, huwa gie maqbuz u terzi persuni gew preferuti minfloku minkejja li huwa kellu esperjenza vasta f'diversi oqsma relatati mal-grad ta' "Senior Technical Officer" u

dan a differenza ta' diversi persuni ohrajn li gew mahtura minfloku.
U ghalhekk jigi ordnat illi:

a) Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' "Senior Technical Officer" mal-Korporazzjoni intimata u dan b'effett b'lura mill-1988 u/jew

b) illi jinghata kumpens finanzjarju f'ammont li t-Tribunal jiddeciedi li hu xieraq.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni, li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer I kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kkwalifikax ghall-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka ghalhekk ir-rikorrent gab biss 30 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 12 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 7 minn 20 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 15-il marka ghal kwalifiki; 4 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 4 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 3 minn 5 marki ghal personalita`.

4. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-Korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li gie impjegat mad-Dipartiment tal-Posta u Telefon fl-1966, fejn grad wara l-iehor gie appuntat ufficjal tekniku fl-1 ta’ Jannar 1991. Qal li matul dawn it-33 sena servizz, dejjem ta servizz genwin. Semma li fl-1972 mar jahdem fit-Test Room tal-Blata l-Bajda, bhala Fitter, u fl-1979 gie mahtur Telephone Technician II u fl-1986, Telephone Technician III. Qal ukoll li bejn l-1985 u l-1986, gie appuntat biex imexxi t-Test Room, fi zmien meta bdiet l-espansjoni tas-servizz tat-telefon. Spjega li fl-1991, saru strutturi ta’ gradi godda u gie appuntat ghall-grad ta’ ufficjal tekniku. Semma li f’Gunju 1989, saret sejha ghall-applikazzjoni ta’ Ufficjal Tekniku I, ghal Senior Technical Officer. Qal li meta deher quddiem il-Bord tal-Ghazla, hassu mar tajjeb u kien indika l-esperjenza u l-kontribut tieghu. Hu hass li gie diskriminat u li hass li saret ingustizzja, meta hu ma giex promoss, u semma xi persuni li ma kellhomx kwalifiki bhalu, fosthom George Pace, Michael Enriquez, Mario Vella, Joe Spiteri, Carmel Muscat, Louis Vella, Anthony Caruana.

In kontro-ezami qal, li ma jiftakarx jekk il-bord tal-ghazla tahomx certifikati, izda hu kien mar skola teknika, bhala skola sekondarja. Fir-rigward ta’ Michael Enriquez qal li ma kellu l-ebda kwalifika. U fir-rigward ta’ Mario Vella, Muscat u Caruana, qal li dawn dahlu warajh mat-Telemalta.

Xehed Charles Fenech, li qal li l-ahhar grad li kien fih kien ta’ Technical Executive, u dam f’din il-kariga xi erba’ snin. Qal li mill-1976 sal-1980 kien in charge mit-test room u r-rikorrent kien wiehed mill-haddiema tieghu. Qal li r-rikorrent, dejjem kien ha sehem fix-xoghol li kien hemm bzonn. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien applika ghall-grad

ta' T.O.I. u kien tkellem mieghu u kien hadha kemmxejn bi kbira peress li ma kienx gie promoss. Fir-rigward ta' Mario Vella, qal li fis-seniority, kien jigi wara r-rikorrent.

Xehed Brian Brincat, Technical Officer u li mill-1978 mal-Maltacom. Qal li hu kien in charge mir-rikorrent mill-1980 sal-1983. Qal li hu jiftakar lir-rikorrent jilmenta kemm-il darba li ma giex moghti l-promozzjoni ingustament.

Xehed Nicholas Borg li qal li lir-rikorrent sar jafu meta mar jahdem fit-Test Room u qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghol generali, u kien hemm in charge Censu Scerri. Semma li warajh kien hemm Charlie Zammit u wara Charles Fenech, u mbaghad Brian Brincat. Qal li fl-assenza tieghu r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' T.O.I. Qal li r-rikorrent kien ilmenta mieghu li ma kienx ha l-promozzjoni, u li hass li kien gie maqbuz. Semma li hu kien jahdem fit-testroom, u li kien tpogga in charge minflok ir-rikorrent. Qal li l-engineer kien tah din l-istruzzjoni, izda minghajr raguni. Qal li s-Sur Scicluna, ir-rikorrent kien in charge sal-1991.

Xehed David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom li pprezenta a fol 50, document dwar is-salarji u l-iskali tal-pagi tal-gradi ta' TTII, TOI, u Senior Technical Officer, bit-tlett perjodi differenti u skond il-collective agreement. Hu esebixxa ukoll dokument a fol 51, ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla, bil-kriterji u l-marki kollha li ottjenew il-kandidati bl-order of merit.

**KONKLUZJONIJIET**

"Fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-6 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Maltacom p.l.c. it-Tribunal qal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta'

logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta’ servizz (seniority) u kwalifiki ghax f’dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta’ ingustizzja. B’daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita’, adattabilita’ ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f’dan il-kaz u cioe’:

| | |
|---|---|
| Snin ta’ Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista’ jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f’minuta, tnejn f’interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f’idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe’ il-kriterju ta’ kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta’ liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta’ 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita’. Ma hemmx ghalfejn ta’ hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b’hekk fil-verita’ gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **<u>kwalifiki </u>**13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**<u>mistoqsija teknika </u>**ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn

kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].
Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

It-Tribunal dejjem applika l-istess kriterji li kienu applikabbli ghall-ezami ta' TO II u TO III fl-allokazzjoni tal-marki ukoll ghall TOI.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**
Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; ir-rikorrent dahal jahdem mad-Dipartiment tal-Posta u Telefon fl-1966 u ghalhekk certament li l-marka hija zbaljata u trid titla ghal 27;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; ir-rikorrent u x-xhieda prodotti ddeskrivew ix-xoghol tar-rikorrent li kien hadem f'diversi sezzjonijiet ghal numru twil ta' snin u wara li ezamina x-xhieda moghtija u dokumenti ezibiti jhoss li suppost inghata 18; bl-allokazzjoni l-gdid tat-Tribunal dawn isiru 13;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 0; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal xorta jibqa' 0;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; it-Tribunal ghalhekk jalloka 3 marki;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ghal 4;
Dwar Personalita' l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5% u ghalhekk il-marka tibqa' 3.

Dan igib it-Totali ghal 50.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ TO I b’effett mill-istess data li inghatat lit-TO I l-ohra u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------